# Beati u Qaddisin...Dicembru

DICEMBRU 21

SAN TUMAS APPOSTLU

Ftit ghandna taghrif fuq San Tumas l-Appostlu.  Probabilment li twieled fil-Galilea go familja umli u ma hemm ebda indikazzjoni li kien sajjied. Kien Lhudi, imma ma hemm informazzjoni kif Gesu' sejjahlu biex jimxi



warajh, imma hija haga certa li Kristu stiednu biex ihalli kollox u jimxi warajh ghax Tumas hu mnizzel fost l-ismijiet tat-tnax-il appostlu meta Kristu ghazilhom minn fost id-dixxipliMinkejja li minn natura tieghu kien bniedem li ma jemminx kif gieb u lahaq u dejjem jara n-naha l-kera tac-cirkustanzi, kien bniedem li kellu qalbu f'idejh.  Kien jaf ihobb.

Darba meta Gesu' tekllem fuq l-ghamara tas-Sema fid-Dar ta' Missieru, Tumas qallu: " Mulej, ma nafux fejn inti sejjer,kif ser inkunu nafu il-triq?"

Meta Gesu' dar lura biex imur lejn Betanja fejn il-qabar ta' Lazzru, l-appostlu beza' ghall-hajja ta' Kristu u stenna li ser jigri xi haga lil Imghallem tieghu. Huwa qal lil shabu: Ejjew immoru mmutu mieghu."

Wara li Kristu qam mill-imwiet, in-nuqqas ta' fidi regghet hakmitu u ma riedx jemmen li l-Imghallem tieghu rebah il-mewt meta qalulu l-appostli. Qalilhom li jekk ma ipoggix idejh fuq il-marka ta' l-imsiemer u fuq il-kustat ma jemminx. Meta tmint ijiem wara dehrilhom Kristu, Gesu' resaq fuq u stiednu biex jara b'ghajnejh u jmiss b'idejh.  Hawn l-appostlu Tumas nizel gharkubtejh u stqarr: "Mulej tieghi u Alla tieghi."

Kien prezenti wkoll fil-qabda mirakoluza tal-hut wara l-qawmien ta' Kristu.

It-tadizzjoni tghid li wara l-Pentekoste, l-appostli xterdu biex ixandru l-evangelju ma' kull fejn setghu.  Hu mar jghallem fuq Kristu u t-taghlim tieghu lill-Persjani, Parti u lil Medi.  Sa wasal l-Indja, sal-kosta ta' Malabar fejn parti kbira mill-popolazzjoni ssejjah lilha nnfisha "l-insara ta' San Tumas."

Huwa sofra il-martirju billi miet minfud bil-lanez. San Tumas hu l-patrun tal-periti. Originarjament il-festa tieghu kienet tigi ccelebrata f'Dicembru 21, imma wara s-sena 1969 giet trasferita fit-3 ta' Lulju.